**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

1. Jirrimarka li, minkejja rinfurzar ristrett f'impenji fuq għadd limitat ta' punti tal-baġit u tnaqqis varju ta' punti oħra tal-baġit, il-limiti massimi tas-subintestatura 1a u tal-intestatura 4 ma jippermettux finanzjament adegwat tal-prijoritajiet magħżula mill-Parlament u l-Kunsill;

2. Jaqbel, għalhekk, mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-iffinanzjar tal-Istrateġija ta' UE 2020 skont is-subintestatura 1a, u l-iffinanzjar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat taħt l-intestatura 4 għall-ammont totali ta' EUR 200 miljun;;

3. Itenni li l-mobilizzazzjoi tal-Istrument tal-Flessibilità, kif previst fil-punt 27 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006, għal darb' oħra jenfasizza l-ħtieġa kruċjali li l-baġit tal-Unjoni jkun aktar flessibbli;

4. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

5. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

6. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNESS

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2012/3/UE.)*

## Proċedura baġitarja 2012: test konġunt

P7_TA(2011)0521

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar it-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-qafas tal-proċedura baġitarja 2012 17470/2011 ADD 1, 2, 3, 4, 5 – C7-0446/2011 – 2011/2020(BUD))**

(2013/C 165 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (17470/2011 ADD 1, 2, 3, 4, 5 – C7-0446/2011) u d-dikjarazzjonijiet tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 kif modifikat mill-Kunsill – it-taqsimiet kollha [1] u l-emendi baġitarji li jinsabu fiha,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, adottat mill-Kummissjoni fl-20 ta' April 2011 (COM(2011)0300),

[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0461.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea adottata mill-Kunsill fil-25 ta' Lulju 2011 (13110/2011),

— wara li kkunsidra l-Ittri ta' Emenda Nru 1/2012,2/2012 u 3/2012 għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 ippreżentati mill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2011, fis-16 ta' Settembru 2011 u fil-25 ta' Ottubru 2011 rispettivament,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75d u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tal-Parlament tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A7-0414/2011),

1. Japprova t-test konġunt maqbul mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li jikkonsisti fid-dokumenti li ġejjin meħuda flimkien:

— lista tal-linji baġitarji li ma ġewx immodifikati, meta mqabbla mal-abbozz ta' baġit jew mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

— ċifri sommarji skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali;

— iċ-ċifri linja b'linja għall-partiti baġitarji kollha;

— dokument konsolidat li juri ċ-ċifri u t-test aħħari tal-linji kollha modifikati matul il-konċiljazzjoni;

2. Jikkonferma d-dikjarazzjonijiet konġunti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni inklużi fil-konklużjonijiet konġunti maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħra kkonċernati kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

ANNESS I

**Baġit 2012 – Konklużjonijiet konġunti**

Dawn il-konklużjonijiet konġunti jkopru tliet taqsimiet:

1. Baġit 2012

2. Baġit 2011 – Baġit Emendatorju 6/2011

3. Dikjarazzjonijiet konġunti

1. **Baġit 2012**

1.1. **Linji "magħluqa"**

Sakemm ma jingħadx mod ieħor hawn isfel f'dawn il-konklużjonijiet, il-linji baġitarji kollha mhux emendati jew mill-Kunsill jew mill-Parlament, u dawk li għalihom il-Parlament aċċetta l-emendi tal-Kunsill matul il-qari rispettiv tagħhom huma kkonfermati.

Għall-partiti baġitarji l-oħra, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni wasal għall-konklużjonijiet li ġejjin:

1.2. **Kwistjonijiet orizzontali**

**Aġenziji Deċentralizzati**

Il-kontribut totali tal-UE fl-2012 (li jikkonsisti f'approprjazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-baġit 2012 u d-dħul assenjat disponibbli, f'approprjazzjonijiet għall-impenji u f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet) għall-aġenziji deċentralizzati qed jitnaqqas b'1 % meta mqabbel mal-Abbozz ta' Baġit (AB) kif emendat bl-Ittra ta' Emenda 3/2012. Madankollu, il-kontribuzzjoni totali tal-UE (f'approprjazzjonijiet għall-impenji u f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet) hija stabbilita fil-livell tal-AB għall-*FRONTEX* (Titolu 1 u 2), għall-*Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil* (EASO), għall-*Awtorità Bankarja Ewropea* (ABE), għall-*Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol* (AEAPX) u għall-*Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq* (AETS). Għall-*Frontex* Titolu 3, ara l-intestatura 3a fit-taqsima 1.3 hawn isfel.

Meta mqabbel mal-Abbozz ta' Baġit tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tnaqqis globali ta' EUR 6,1 miljun fil-kontribuzzjoni tal-UE għall-aġenziji deċentralizzati li ġejjin, kif muri fit-tabella hawn isfel:

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem tal-aġenzija deċentralizzata | Kontribuzzjoni totali tal-UE fl-2012 (approprjazzjonijiet baġitarji u dħul assenjat): Approprjazzjonijiet għall-impenji | | Baġit 2012 |
|---|---|---|---|---|
| | | Ammont inizjali | Ammont rivedut | Tnaqqis fil-Baġit 2012 |
| 02 03 03 | Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) – Kimiċi | p.m. | p.m. | p.m. |
| 02 05 02 | Aġenzija Ewropea GNSS (GSA) | 10,600 | 10,494 | – 0,106 |
| 04 04 03 | Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (EUROFOUND) | 20,590 | 20,384 | – 0,206 |
| 04 04 04 | Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) | 14,830 | 14,682 | – 0,148 |
| 06 02 01 | Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) | 35,214 | 34,862 | – 0,352 |
| 06 02 02 | Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) | 53,565 | 53,229 | – 0,336 |
| | *Li minnhom miżuri kontra t-tniġġis (06 02 02 03)* | *20,000* | *20,000* | — |

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem tal-aġenzija deċentralizzata | Kontribuzzjoni totali tal-UE fl-2012 (approprjazzjonijiet baġitarji u dħul assenjat): Approprjazzjonijiet għall-impenji | | Baġit 2012 |
|---|---|---|---|---|
| | | Ammont inizjali | Ammont rivedut | Tnaqqis fil-Baġit 2012 |
| 06 02 08 | Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (ERA) | 25,260 | 25,007 | – 0,253 |
| 09 02 03 | Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA) | 8,420 | 8,336 | – 0,084 |
| 09 02 04 | Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi – Uffiċċju (BEREC) | 4,336 | 4,293 | – 0,043 |
| 15 02 25 | Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP) | 17,610 | 17,434 | – 0,176 |
| 17 03 10 | Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) | 39,188 | 38,841 | – 0,347 |
| | *Li minnhom prodotti mediċinali orfni (17 03 10 03)* | *4,488* | *4,488* | — |
| 32 04 10 | Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) | 7,315 | 7,242 | – 0,073 |
| 33 06 03 | Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) | 7,820 | 7,742 | – 0,078 |
| ***Subtotal*** | ***Intestatura 1a*** | | | ***– 2,203*** |
| 07 03 09 | Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) | 36,676 | 36,309 | – 0,367 |
| 07 03 60 | Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) – Prodotti Bijoċidali | 2,756 | 2,728 | – 0,028 |
| 07 03 70 | Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) – Kunsens Infurmat Minn Qabel | 1,470 | 1,455 | – 0,015 |
| 11 08 05 | Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA) | 9,310 | 9,217 | – 0,093 |
| ***Subtotal*** | ***Intestatura 2*** | | | ***– 0,502*** |
| 18 02 11 | Aġenzija għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira | 20,000 | 19,800 | – 0,200 |
| 18 05 02 | Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) | 84,500 | 83,655 | – 0,845 |
| 18 05 05 | Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) | 8,536 | 8,451 | – 0,085 |
| 18 05 11 | Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) | 15,708 | 15,551 | – 0,157 |
| 33 02 03 | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) | 20,400 | 20,196 | – 0,204 |
| 33 03 02 | EUROJUST | 33,300 | 32,967 | – 0,333 |
| ***Subtotal*** | ***Intestatura 3a*** | | | ***– 1,824*** |
| 17 03 03 | Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) | 57,300 | 56,727 | – 0,573 |

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem tal-aġenzija deċentralizzata | Kontribuzzjoni totali tal-UE fl-2012 (approprjazzjonijiet baġitarji u dħul assenjat): Approprjazzjonijiet għall-impenji | | Baġit 2012 |
|---|---|---|---|---|
| | | Ammont inizjali | Ammont rivedut | Tnaqqis fil-Baġit 2012 |
| 17 03 07 | Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) | 77,122 | 76,351 | – 0,771 |
| ***Subtotal*** | ***Intestatura 3b*** | | | ***– 1,344*** |
| 15 02 27 | Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) | 20,247 | 20,045 | – 0,202 |
| ***Subtotal*** | ***Intestatura 4*** | | | ***– 0,202*** |
| 31 01 09 | Ċentru tat-Traduzzjoni | p.m. | p.m. | p.m. |
| ***Subtotal*** | ***Intestatura 5*** | | | **p.m.** |
| **Total** | **Impatt nett** | | | **– 6,076** |

Fir-rigward tal-livell ta' approprjazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-baġit 2012, it-tnaqqis hawn fuq imsemmi għall-aġenziji individwali skont l-artikolu baġitarju se jinqasam skont il-partita baġitarja b'mod proporzjonat għall-piż fl-Abbozz ta' Baġit taż-żewġ partiti baġitarji kkonċernati (kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 u kontribuzzjoni għat-Titolu 3).

In-numru ta' karigi għall-aġenziji deċentralizzati kollha huwa stabbilit fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra ta' Emenda 3/2012.

**Aġenziji eżekuttivi**

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet għall-impenji u f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet) u n-numru ta' karigi għall-aġenziji eżekuttivi huma stabbiliti fil-livell propost fl-Abbozz ta' Baġit, bl-eċċezzjoni tal-linja "magħluqa" għall-kontribuzzjoni tal-UE għall-EACI mill-programm Marco Polo (06 01 04 32).

**Proġetti Pilota/Azzjonijiet Preparatorji**

Hemm qbil dwar pakkett komprensiv ta' 70 proġett pilota/azzjoni preparatorja (PP/AP), inklużi żewġ proġetti/azzjonijiet fit-taqsima X (SEAE) tal-baġit, għal ammont ta' EUR 105,4 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji, inklużi l-PP/AP kollha proposti mill-Parlament, mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Meta proġett pilota jew azzjoni preparatorja tidher li hi koperta b'bażi legali eżistenti, il-Kummissjoni tista' tipproponi t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet għall-bażi legali korrispondenti biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-azzjoni. Barra minn hekk, hemm qbil dwar il-bidliet għall-kummenti baġitarji għall-proġett pilota "Istitut Ewropew tal-Paċi" fit-taqsima X (SEAE) li jinsabu fl-Anness.

Fir-rigward tal-appropjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji, ir-regoli speċifiċi huma definiti fit-taqsima 1.4 hawn isfel.

Dan il-pakkett jirrispetta għal kollox il-limiti massimi għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji previsti fl-IIA.

1.3. **Intestaturi tal-infiq tal-qafas finanzjarju – approprjazzjonijiet għall-impenji** [1]

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq dwar il-linji baġitarji "magħluqa", l-aġenziji u l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni wasal għal ftehim fir-rigward ta' dan li ġej:

[1] It-tabelli sommarji skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju f'din it-taqsima ma jinkludux it-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet għall-aġenziji deċentralizzati u l-pakkett maqbul dwar il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji (ara t-taqsima 1.2 hawn fuq).

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

__Intestatura 1a__

L-approprjazzjonijiet għall-impenji huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, b'emendi għall-programmi u l-azzjonijiet li ġejjin:

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2012 | Baġit 2012 | Differenza |
| 02 02 01 | CIP – Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni | 148,6 | 156,1 | + 7,5 |
| 02 04 01 01 | Riċerka Spazjali | 250,3 | 251,3 | + 1,0 |
| 02 04 01 02 | Riċerka tas-Sigurtà | 242,1 | 243,0 | + 0,9 |
| 04 03 04 | EURES | 19,5 | 20,6 | + 1,1 |
| 04 03 15 | Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv (diġà magħluqa) | — | 2,7 | + 2,7 |
| 08 02 01 | Il-Kooperazzjoni – Is-Saħħa | 637,2 | 639,5 | + 2,3 |
| 08 03 01 | Il-Kooperazzjoni – L-Ikel, l-Agrikoltura u s-Sajd, u l-Bijoteknoloġija | 311,6 | 312,8 | + 1,2 |
| 08 04 01 | Kooperazzjoni – In-Nanoxjenzi, in-Nanoteknoloġiji, il-Materjali u Teknoloġiji ġodda tal-Produzzjoni | 499,2 | 501,0 | + 1,8 |
| 08 05 01 | Kooperazzjoni – l-Enerġija | 166,0 | 178,3 | + 12,3 |
| 08 06 01 | Kooperazzjoni – Ambjent (inkluż it-tibdil fil-klima) | 279,8 | 280,9 | + 1,1 |
| 08 07 01 | Kooperazzjoni – Trasport (inkluża l-Ajrunawtika) | 322,6 | 323,8 | + 1,2 |
| 08 08 01 | Kooperazzjoni – Ix-xjenzi soċjoekonomiċi u l-istudji umanistiċi | 92,1 | 92,4 | + 0,3 |
| 08 09 01 | Kooperazzjoni – Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju (RSFF) | 197,3 | 198,0 | + 0,7 |
| 08 10 01 | L-ideat | 1 547,5 | 1 564,9 | + 17,4 |
| 08 12 01 | Kapaċitajiet – Infrastrutturi ta' Riċerka | 50,0 | 50,2 | + 0,2 |
| 08 13 01 | Kapaċitajiet – Riċerka dwar l-SMEs | 238,6 | 251,2 | + 12,6 |
| 08 14 01 | Kapaċitajiet – Reġjuni ta' għarfien | 20,0 | 20,1 | + 0,1 |
| 08 15 01 | Kapaċitajiet – Potenzjal għar-riċerka | 66,4 | 66,6 | + 0,2 |
| 08 16 01 | Kapaċitajiet – Ix-xjenza fis-soċjetà | 44,6 | 44,8 | + 0,2 |
| 08 17 01 | Kapaċitajiet – Attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali | 32,0 | 32,1 | + 0,1 |
| 08 19 01 | Kapaċitajiet – Appoġġ għal żvilupp koerenti ta' politika ta' riċerka | 13,1 | 13,1 | + 0,0 |
| 09 04 01 01 | Appoġġ għall-Kooperazzjoni fir-Riċerka fil-qasam tat-Teknoloġiji tal-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICT – Kooperazzjoni) | 1 240,4 | 1 244,5 | + 4,1 |
| 09 05 01 | Kapaċitajiet – Infrastrutturi ta' Riċerka | 31,2 | 31,3 | + 0,1 |
| 10 02 01 | Attivitajiet mhux nukleari taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunt (JRC) | 31,4 | 31,5 | + 0,1 |

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2012 | Baġit 2012 | Differenza |
| 15 02 02 | Erasmus Mundus | 103,8 | 105,6 | + 1,9 |
| 15 02 22 | Tagħlim Tul il-Ħajja | 1 058,5 | 1 110,5 | + 52,0 |
| 15 07 77 | In-nies | 886,4 | 905,7 | + 19,3 |
| 32 04 06 | CIP – Enerġija Intelliġenti | 122,3 | 129,8 | + 7,5 |
| 32 06 01 | Ir-riċerka relatata mal-enerġija | 147,6 | 162,6 | + 15,0 |
| ***Subtotal*** | ***Żidiet*** | | | ***+ 165,0*** |
| | — *Li minnhom żidiet għas-CIP* | | | *+ 15,0* |
| | — *Li minnhom żidiet għall-FP7* | | | *+ 92,0* |
| 04 03 07 | Analiżi, studji u t-tkabbir tal-għarfien (diġà magħluqa) | 4,9 | 2,2 | – 2,7 |
| | Tnaqqis fl-infiq ta' appoġġ (diversi linji – diġà magħluqin) | | | – 0,5 |
| ***Subtotal*** | ***Tnaqqis*** | | | ***– 3,2*** |
| **Total** | **Impatt nett** | | | **+ 161,8** |
| | **Marġni intestatura 1a** | | **– 50,0** | |

L-impatt fuq l-appropjazzjonijiet għall-ħlasijiet taż-żidiet u tat-tnaqqis maqbula fl-approprjazzjonijiet għall-impenji, kif muri fit-tabella t'hawn fuq, huwa spjegat fit-taqsima 1.4 hawn isfel.

L-Istrument ta' Flessibilità se jiġi mobilizzat għal ammont ta' EUR 50,0 miljun għall-"Istrateġija Ewropa 2020".

Mingħajr preġudizzju għad-dikjarazzjoni konġunta dwar il-finanzjament tal-proġett ITER li tinsab fit-taqsima 3.4 hawn isfel, l-approprjazzjonijiet għall-impenji mqiegħda f'riżerva għall-"ITER" (artikolu baġitarju 08 20 02) huma stabbiliti fl-ammont ta' EUR 417,9 miljun.

__Intestatura 1b__

L-approprjazzjonijiet għall-impenji huma stabbiliti fil-livell propost fl-Abbozz ta' Baġit, bl-eċċezzjoni tal-linja baġitarja 13 03 31 "Assistenza teknika u tixrid ta' informazzjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u għarfien imtejjeb tal-istrateġija tal-makroreġjuni", li għaliha hemm qbil dwar ammont ta' EUR 2,5 miljun f'impenji. Konsegwenza ta' dan, il-marġni taħt il-limitu massimu għall-infiq tal-intestatura 1b jammonta għal EUR 8,4 miljun.

__Intestatura 2__

L-approprjazzjonijiet għall-impenji huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra ta' Emenda 3/2012, b'emendi għall-programmi u l-azzjonijiet li ġejjin:

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2012 | Baġit 2012 | Differenza |
| | Żieda fl-approprjazzjonijiet għall-agrikoltura fl-Ittra ta' Emenda 3/2012 | | | + 115,5 |
| | — *Li minnhom żieda fl-għajnuna lill-gruppi ta' produtturi rikonoxxuti minn qabel (partita baġitarja 05 02 08 11)* | *150,0* | *195,0* | *+ 45,0* |

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2012 | Baġit 2012 | Differenza |
| | Tnaqqis fl-approprjazzjonijiet għall-agrikoltura fl-Ittra ta' Emenda 3/2012 | | | – 201,2 |
| ***Subtotal*** | ***Tnaqqis nett fl-approprjazzjonijiet għall-agrikoltura fl-AL 3/2012*** | | | ***– 85,7*** |
| 05 07 01 06 | Approvazzjoni tal-kontijiet | – 69,0 | – 200,0 | – 131,0 |
| 05 02 12 08 | Ħalib għall-iskejjel | 81,0 | 90,0 | + 9,0 |
| ***Subtotal*** | ***Impatt nett tal-bidliet*** | | | ***– 122,0*** |
| | **Marġni intestatura 2** | | **834,2** | |

L-impatt fuq l-appropjazzjonijiet għall-ħlasijiet taż-żidied u tat-tnaqqis maqbula fl-approprjazzjonijiet għall-impenji, kif muri fit-tabella t'hawn fuq, huwa spjegat fit-taqsima 1.4 hawn isfel.

Bħala rifless tal-ftehim politiku milħuq fir-rigward tal-"Programmi għall-persuni neqsin mill-affarijiet essenzjali" (partita baġitarja 05 02 04 01), l-approprjazzjonijiet attwalment f'riżerva għal dan il-għan qed jitqiegħdu fil-linja kkonċernata.

It-tliet istituzzjonijiet qablu dwar id-dikjarazzjoni konġunta li tinsab fit-taqsima 3.3. hawn isfel.

<u>**Intestatura 3a**</u>

L-approprjazzjonijiet għall-impenji huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, b'emendi għall-programmi u l-azzjonijiet li ġejjin, bi qbil mal-livell maqbul bejn il-Kunsill u l-Parlament (linji "magħluqa"):

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2012 | Baġit 2012 | Differenza |
| 18 02 03 02 | Frontex – Titolu 3 | 50,5 | 59,5 | + 9,0 |
| 18 03 03 | Fond Ewropew għar-Refuġjati | 93,5 | 102,5 | + 9,0 |
| 33 02 05 | Daphne | 17,5 | 19,5 | + 2,0 |
| ***Subtotal*** | ***Żidiet*** | | | ***+ 20,0*** |
| 18 01 04 16 | Prevenzjoni, tħejjija u ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu – Nefqa ta' appoġġ (diġà magħluqa) | 0,3 | 0,2 | – 0,10 |
| 33 01 04 01 | Drittijiet fundamentali u ċittadinanza – Nefqa ta' appoġġ (diġà magħluqa) | 0,35 | 0,3 | – 0,05 |
| 33 01 04 03 | Ġustizzja penali – nefqa ta' appoġġ (diġà magħluqa) | 0,4 | 0,35 | – 0,05 |
| 33 01 04 04 | Ġustizzja ċivili – nefqa ta' appoġġ (diġà magħluqa) | 0,3 | 0,25 | – 0,05 |
| ***Subtotal*** | ***Tnaqqis*** | | | ***– 0,25*** |
| **Total** | **Impatt nett** | | | **+ 19,75** |
| | **Marġni intestatura 3a** | | **38,2** | |

L-impatt fuq l-appropjazzjonijiet għall-ħlasijiet tat-tnaqqis maqbul fl-approprjazzjonijiet għall-impenji, kif muri fit-tabella t'hawn fuq, huwa spjegat fit-taqsima 1.4 hawn isfel.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

**Intestatura 3b**

L-approprjazzjonijiet għall-impenji huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, b'emendi maqbula għall-programmi u l-azzjonijiet li ġejjin:

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2012 | Baġit 2012 | Differenza |
| 15 05 06 | Avvenimenti annwali speċjali | p.m. | 1,5 | + 1,5 |
| 15 05 55 | Żgħażagħ fl-Azzjoni | 134,6 | 139,6 | + 5,0 |
| 16 02 02 | Azzjonijiet ta' Multimidja | 30,5 | 31,5 | + 1,0 |
| 16 03 04 | Flimkien biex nikkomunikaw l-Ewropa | 12,7 | 13,0 | + 0,3 |
| ***Subtotal*** | ***Żidiet*** | | | ***+ 7,8*** |
| | Tnaqqis fl-infiq ta' appoġġ (diversi linji – diġà magħluqin) | | | – 0,3 |
| ***Subtotal*** | ***Tnaqqis*** | | | ***– 0,3*** |
| **Total** | **Impatt nett** | | | **+ 7,5** |
| | **Marġni intestatura 3b** | | **1,6** | |

L-impatt fuq l-appropjazzjonijiet għall-ħlasijiet taż-żidiet u tat-tnaqqis maqbula fl-approprjazzjonijiet għall-impenji, kif muri fit-tabella t'hawn fuq, huwa spjegat fit-taqsima 1.4 hawn isfel.

**Intestatura 4**

L-approprjazzjonijiet għall-impenji huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, inkluża l-Ittra ta' Emenda 1/2012, b'emendi maqbula għall-programmi u l-azzjonijiet li ġejjin:

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2012 | Baġit 2012 | Differenza |
| 19 08 01 02 | ENPI – Palestina, Proċess ta' Paċi, UNRWA | 200,0 | 200,0 | BE6 |
| 19 04 03 | Osservazzjoni tal-elezzjonijiet | 35,1 | 38,0 | + 2,9 |
| 19 06 01 01 | Strument ta' Stabilità | 225,0 | 232,8 | + 7,8 |
| 19 09 01 | Amerika Latina | 352,6 | 364,3 | + 11,7 |
| 19 10 01 01 | Asja | 506,4 | 520,9 | + 14,5 |
| 22 02 07 03 | Il-Komunità Torka f'Ċipru | 25,0 | 28,0 | + 3,0 |
| ***Subtotal*** | ***Żidiet*** | | | ***39,9 + BE6*** |
| 01 03 02 | Għajnuna makrofinanzjarja (diġà magħluqa) | 105,0 | 95,6 | – 9,45 |
| 04 06 01 | IPA – Riżorsi Umani | 114,2 | 112,2 | – 2,0 |
| 05 05 02 | IPA – Żvilupp Rurali | 237,5 | 234,5 | – 3,0 |
| 05 06 01 | Ftehimiet agrikoli internazzjonali (diġà magħluqa) | 6,5 | 6,4 | – 0,1 |

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2012 | Baġit 2012 | Differenza |
| 07 02 01 | Attivitajiet ambjentali multilaterali (diġà magħluqa) | 2,3 | 2,2 | – 0,1 |
| 19 05 01 | Pajjiżi terzi industrijalizzati (diġà magħluqa) | 25,0 | 24,0 | – 1,0 |
| 19 10 01 02 | Afganistan | 199,9 | 198,9 | – 1,0 |
| 19 11 01 | Evalwazzjoni tar-riżultati, segwitu u awditjar (diġà magħluqa) | 15,6 | 14,0 | – 1,6 |
| 19 11 02 | Programmi ta' tagħrif għall-pajjiżi terzi | 12,5 | 11,5 | – 1,0 |
| 19 11 03 | L-UE fid-dinja | 5,0 | 2,5 | – 2,5 |
| 20 02 01 | Relazzjonijiet kummerċjali esterni (diġà magħluqa) | 9,8 | 7,3 | – 2,5 |
| 20 02 03 | Għajnuna għall-kummerċ – multilaterali (diġà magħluqa) | 4,5 | 3,8 | – 0,7 |
| 21 06 03 | Appoġġ ta' aġġustament għal pajjiżi tal-protokoll taz-zokkor | 186,4 | 174,8 | – 11,6 |
| 21 07 04 | Ftehimiet dwar il-prodotti (diġà magħluqa) | 5,9 | 3,4 | – 2,5 |
| 21 08 01 | Evalwazzjoni tar-riżultati, segwitu u awditjar (diġà magħluqa) | 11,7 | 9,6 | – 2,2 |
| 21 08 02 | Għarfien fi kwistjonijiet ta' żvilupp (diġà magħluqa) | 10,8 | 9,9 | – 0,9 |
| 22 02 10 02 | Informazzjoni u komunikazzjoni għal pajjiżi terzi | 11,0 | 10,0 | – 1,0 |
| 23 02 03 | Tħejjija għad-diżastri (diġà magħluqa) | 35,2 | 34,8 | – 0,4 |
| 19 01 04 04 | PESK – nefqa ta' appoġġ (diġà magħluqa) | 0,75 | 0,5 | – 0,25 |
| | Tnaqqis fin-nefqa ta' appoġġ tal-PE (diversi linji) | 177,3 | 168,0 | – 9,25 |
| ***Subtotal*** | ***Tnaqqis*** | | | ***– 53,0*** |
| **Total** | **Impatt nett** | | | **– 13,1** |
| | **Marġni intestatura 4** | | **– 150,0** | |

L-impatt fuq l-appropjazzjonijiet għall-ħlasijiet taż-żidiet u tat-tnaqqis maqbula fl-approprjazzjonijiet għall-impenji, kif muri fit-tabella t'hawn fuq, huwa spjegat fit-taqsima 1.4 hawn isfel.

L-Istrument ta' Flessibilità se jiġi mobilizzat għal ammont ta' EUR 150,0 miljun għall-Politika Ewropea tal-Viċinat. Barra minn hekk, hemm qbil dwar il-"frontloading" tal-approprjazzjonijiet għall-impenji tal-2011 għall-Palestina, kif spjegat fit-taqsima 2 hawn isfel.

<u>**Intestatura 5**</u>

Għal dak li jirrigwarda l-approprjazzjonijiet u l-karigi fl-organigramma tal-Istituzzjonijiet kollha, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ġiet approvata. Barra minn hekk, iż-żidiet proposti fl-Ittra ta' Emenda 2/2012 ġew approvati. Fl-aħħarnett, żdied ammont ta' EUR 10,4 miljun għall-pensjonijiet. Konsegwenza ta' dan, il-marġni taħt il-limitu massimu għall-infiq tal-intestatura 5 jammonta għal EUR 474,4 miljun.

1.4. **Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet**

Il-livell globali ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-baġit 2012 huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 129 088,043 miljun. Bħala parti mill-kompromess globali, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni qabel dwar id-dikjarazzjoni konġunta dwar il-ħlasijiet li tinsab fit-taqsima 3.1 hawn isfel.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

Ġiet applikata l-metodoloġija li ġejja biex it-tnaqqis maqbul fil-livell globali ta' ħlasijiet meta mqabbel mal-Abbozz ta' Baġit (kif emendat bl-Ittri ta' Emenda) jinqasam fl-intestaturi u l-linji baġitarji kollha, biex il-kompromess globali firrigward tal-impenji jissarraf fi ħlasijiet korrispondenti, u biex il-livell globali tal-ħlasijiet jiġi bbilanċjat fl-intestaturi kollha.

1. Il-punt ta' tluq għall-kalkolu huwa l-livell globali ta' ħlasijiet kif maqbul hawn fuq, li jammonta għal EUR 129 088,043 miljun fl-2012.

2. Bħala t-tieni pass, il-metodu jqis il-livell maqbul ta' impenji għal approprjazzjonijiet mhux diversifikati.

   Minnu nnifsu, il-livell ta' approprjazzjonijiet għall-impenji għal dan it-tip ta' nfiq huwa l-istess bħal-livell ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet, li mhuwiex affettwat fil-passi li jmiss.

   B'analoġija, l-istess japplika għall-aġenziji deċentralizzati, li l-kontribuzzjoni tal-UE għalihom f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet hija stabbilita fil-livell propost fit-taqsima 1.2 hawn fuq.

3. It-tielet nett, l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji huma stabbiliti kif ġej:

   — Taqsima III (Il-Kummissjoni): l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji *l-ġodda* kollha huma stabbiliti fil-livell ta' 50 % tal-impenji korrispondenti jew għal-livell propost jekk ikun aktar baxx; fil-każ ta' *estensjoni* tal-proġetti pilota u tal-azzjonijiet preparatorji eżistenti, il-livell tal-ħlasijiet huwa dak definit fl-Abbozz ta' Baġit flimkien ma' 50 % tal-impenji ġodda korrispondenti, jew għal-livell propost jekk ikun aktar baxx;

   — Taqsima X (SEAE): l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji huma stabbiliti fil-livell propost mill-Parlament Ewropew.

4. Ir-raba' nett, minbarra ż-żidiet u t-tnaqqis maqbula fl-approprjazzjonijiet għall-impenji għal infiq diversifikat, kif spjegat fl-abbozz ta' proposta ta' kompromess skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju aktar 'il fuq, hemm qbil dwar l-ammonti speċifiċi li ġejjin f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet:

   a. Intestatura 1a: il-livell tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-"Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni" huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 50 miljun; il-livell tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għas-"Sena Ewropew għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet" huwa stabbilit fil-livell maqbul bejn il-Kunsill u l-Parlament (linja "magħluqa");

   b. Intestatura 2: il-livell tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għal "Ftehimiet Internazzjonali tas-Sajd" huwa stabbilit fil-livell propost fl-Ittra ta' Emenda 3/2012;

   c. Intestatura 3b: il-livell tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-"Avvenimenti Annwali Speċjali" huwa stabbilit fil-livell propost fil-pożizzjoni tal-Parlament;

   d. Intestatura 4: il-livell tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għar-"Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza" huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 90 miljun; il-livell tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-"Palestina" huwa stabbilit fil-livell propost fl-Abbozz ta' Baġit; il-livell tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-"Għajnuna Makrofinanzjarja" huwa stabbilit fil-livell maqbul bejn il-Kunsill u l-Parlament (linja "magħluqa"); il-livell tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-"Pajjiżi tal-Protokoll taz-Zokkor" huwa stabbilit fil-livell maqbul bejn il-Kunsill u l-Parlament (linja "magħluqa", f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet).

5. It-tnaqqis globali fil-ħlasijiet li għandu jinqasam bejn l-intestaturi u l-linji baġitarji huwa:

   a. il-livell globali tal-ħlasijiet maqbul skont il-punt 1 hawn fuq, li minnu jrid jitnaqqas:

   b. l-Abbozz ta' Baġit kif emendat bl-Ittri ta' Emenda 1/2012, 2/2012 u 3/2012 flimkien mal-impatt fuq il-ħlasijiet tal-passi meħuda fil-punti 2 sa 4 aktar 'il fuq.

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

Dan it-tnaqqis globali fil-livell tal-ħlasijiet (5a – 5b) huwa mbagħad imqassam fil-linji baġitarji kollha għal infiq divrenzjat fl-intestaturi tal-baġit, skont il-koeffiċjent ta' distribuzzjoni li ġej, li jikkunsidra ribilanċjament limitat tat-tnaqqis fil-ħlasijiet favur l-intestatura 1a, li ġej mill-intestaturi 2 u 4:

a. Intestatura 1a: 31,00 %;

b. Intestatura 1b: 38,45 %;

c. Intestatura 2: 21,25 %;

d. Intestatura 3a: 1,00 %;

e. Intestatura 3b: żero %;

f. Intestatura 4: 8,30 %.

6. Mingħajr preġudizzju għall-ammonti definiti fil-punti 2 sa 4 hawn fuq, it-tnaqqis skont l-intestaturi definit fil-punt 5 hawn fuq huwa mbagħad imqassam fil-linji baġitarji, inklużi linji "magħluqa", fuq il-bażi tal-piż tal-ħlasijiet għal-linji baġitarji individwali kkonċernati fl-Abbozz ta' Baġit kif emendat bl-Ittri ta' Emenda 1/2012, 2/2012 u 3/2012.

Bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, madankollu, qed jiġi propost li t-tnaqqis globali għall-intestatura 1b jiġi distribwit b'mod proporzjonat għall-pożizzjoni tal-Kunsill, jiġifieri li jinżamm l-Abbozz ta' Baġit għall-objettiv ta' Konverġenza.

1.5. **Kummenti baġitarji**

L-emendi testwali kollha introdotti mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill huma maqbula bil-ftehim li ma jistgħux jimmodifikaw jew jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-bażi legali eżistenti.

1.6. **Linji baġitarji ġodda**

Sakemm ma jingħadx mod ieħor fil-konklużjonijiet konġunti maqbula fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jew maqbula b'mod konġunt miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja fil-qari rispettiv tagħhom (artikolu baġitarju ġdid 04 03 15 "Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet"), in-nomenklatura baġitarja kif proposta mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit tagħha u fl-ittri ta' emenda tagħha se jibqgħu mhux mittiefsa, bl-eċċezzjoni tal-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji.

Hemm qbil dwar il-qsim tal-artikolu baġitarju 16 03 02 bejn il-partita baġitarja 16 03 02 01 (intestatura 3b) "Komunikazzjoni tar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni" u l-partita baġitarja 16 03 02 02 (intestatura 5) "Spazju Pubbliku Ewropew" propost mill-Parlament Ewropew.

1.7. **Riżervi**

Ir-riżervi kollha vvutati mill-Parlament Ewropew huma miżmuma. L-ammont tar-riżerva fil-linja 26 01 20 (EPSO) qed jitnaqqas b'50 %, l-istess bħar-riżervi fil-linji A4 01 01 u A4 02 01 01.

2. **Baġit 2011**

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 6/2011 huwa approvat bil-modifiki li ġejjin:

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | ABE 6/2011 | Differenza | BE 6/2011 |
| 04 02 20 | FSE – Assistenza teknika operattiva | + 3,25 | — | + 3,25 |
| 19 08 01 02 | ENPI – Palestina, MEPP, UNRWA | + 60,4 | + 39,6 | + 100,0 |

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | | |
|---|---|---|---|---|
| | | ABE 6/2011 | Differenza | BE 6/2011 |
| 21 06 07 | Miżuri ta' Akkumpanjament tal-Banana | — | + 13,4 | + 13,4 |
| ***Subtotal*** | ***Żidiet*** | ***+ 63,7*** | ***+ 53,0*** | ***+ 116,7*** |
| 01 03 02 | Għajnuna makrofinanzjarja | – 51,4 | – 53,0 | – 104,4 |
| 05 06 01 | Il-ftehimiet agrikoli internazzjonali | – 0,1 | — | – 0,1 |
| 07 11 01 | Ftehimiet ambjentali multilaterali u internazzjonali | – 0,2 | — | – 0,2 |
| 14 03 03 | Organizzazzjonijiet internazzjonali fl-oqsma doganali u fiskali | – 0,1 | — | – 0,1 |
| 15 02 03 | L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'pajjiżi terzi | – 6,3 | — | – 6,3 |
| 21 07 03 | Kontribuzzjoni għall-FAO | – 0,3 | — | – 0,3 |
| 21 07 04 | Ftehimiet dwar il-prodotti | – 2,0 | — | – 2,0 |
| ***Subtotal*** | ***Tnaqqis*** | ***– 60,4*** | ***– 53,0*** | ***– 113,4*** |
| **Total** | **Impatt nett** | ***+ 3,25*** | — | ***+ 3,25*** |

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji | |
|---|---|---|---|
| | | ABE 6/2011 | BE 6/2011 |
| 04 02 17 | FSE — Konverġenza | + 204,0 | + 226,35 |
| 04 02 19 | FSE – Kompetittività Reġjonali | + 204,0 | + 226,35 |
| 04 02 20 | FSE – Assistenza teknika operattiva | + 0,3 | + 0,3 |
| 08 04 01 | Kooperazzjoni – Nanoxjenzi, nanoteknoloġiji | + 82,0 | + 82,0 |
| 09 04 01 | Kooperazzjoni – ICT | + 60,0 | + 60,0 |
| ***Subtotal*** | ***Żidiet*** | ***+ 550,3*** | ***+ 595,0*** |
| 05 04 05 01 | Żvilupp Rurali | p.m. | – 395,0 |
| ***Subtotal*** | ***Tnaqqis*** | ***p.m.*** | ***– 395,0*** |
| **Total** | **Impatt nett** | ***+ 550,3*** | ***+ 200,0*** |

Kif propost mill-Kummissjoni, it-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-"Programmi ta' żvilupp rurali" qed jintuża biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet pendenti ta' ħlasijiet għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

**Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011**

Bi qbil mad-dikjarazzjoni konġunta dwar l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 7/2011 (Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea) li tinsab fit-taqsima 3.2 hawn isfel, għandu jiġi ridistribwit ammont ta' EUR 38 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mill-"Programmi ta' żvilupp rurali" biex jiġu ffinanzjati l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, kif muri fit-tabella t'hawn isfel:

*f'miljuni ta' EUR*

| Linja baġitarja | Isem | Żidiet / tnaqqis tal-approprjazzjonijiet għall-impenji |
|---|---|---|
| | | ABE 7/2011 |
| 13 06 01 | Fond ta' Solidarjetà – Stati Membri | + 38,0 |
| ***Subtotal*** | ***Żidiet*** | ***+ 38,0*** |
| 05 04 05 01 | Żvilupp Rurali | – 38,0 |
| ***Subtotal*** | ***Tnaqqis*** | ***– 38,0*** |
| **Total** | **Impatt nett** | **0** |

3. **Dikjarazzjonijiet konġunti**

Bħala parti mill-ftehim dwar il-Baġit 2012 u l-ABE 6/2011 kif spjegat aktar 'il fuq, intlaħaq qbil dwar id-dikjarazzjonijiet konġunti li ġejjin.

3.1. **Dikjarazzjoni konġunta dwar l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet**

Filwaqt li jqisu l-isforzi ta' konsolidament fiskali li qed isiru fl-Istati Membri, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jaqblu dwar tnaqqis fil-livell ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-2012 meta mqabbel mal-Abbozz ta' Baġit tal-Kummissjoni. Jitolbu lill-Kummissjoni titlob approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet addizzjonali f'baġit emendatorju jekk l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit 2012 ma jkunux suffiċjenti biex ikopru n-nefqa taħt is-sottointestatura 1a (Kompetittività għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi), is-sottointestatura 1b (Koeżjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi), l-intestatura 2 (Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali), l-intestatura 3 (Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja) u l-intestatura 4 (L-UE bħala attur globali).

B'mod partikolari, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew iħeġġu lill-Kummissjoni biex sa mhux aktar tard minn tmiem Settembru 2012 tippreżenta l-aħħar ċifri aġġornati rigward is-sitwazzjoni attwali u l-estimi rigward l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet taħt is-sottointestatura 1b (Koeżjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi) u l-iżvilupp rurali taħt l-intestatura 2 (Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali) u, jekk ikun meħtieġ, tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju.

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew se jieħdu pożizzjoni dwar kull abbozz ta' baġit emendatorju malajr kemm jista' jkun bil-għan li jiġi evitat kull nuqqas fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet. Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw malajr kull trasferiment possibbli ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet, anke bejn intestaturi tal-qafas finanzjarju, sabiex isir l-aħjar użu possibbli ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet imdaħħla fil-baġit u jiġu allinjati mal-implimentazzjoni u l-ħtiġijiet attwali.

3.2. **Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Baġit Emendatorju 7/2011**

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jieħdu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li fil-21 ta' Novembru 2011 tippreżenta Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE 7/2011) għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, li hu mistenni li jammonta għal EUR 38 miljun, f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet. L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet se jiġu ridistribwiti mill-"programmi ta' żvilupp rurali" (partita baġitarja 05 04 05 01).

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew se jagħmlu ħilithom biex jieħdu pożizzjoni dwar l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 7/2011 qabel tmiem l-2011, bi qbil mal-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

3.3. **Dikjarazzjoni konġunta dwar miżuri preventivi għal kriżijiet futuri fis-settur tal-frott u l-ħxejjex**

Il-kriżi tal-E-coli enfasizzat il-ħtieġa ta' mekkaniżmu xieraq ta' reazzjoni għall-kriżijiet tas-suq fl-UE. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill u l-Parlament jimpenjaw ruħhom li jaġixxu minnufih fir-rigward ta' talbiet għal trasferimenti mill-Kummissjoni jew, wara eżami tal-possibilità ta' riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet awtorizzati, fir-rigward ta' baġit emendatorju propost mill-Kummissjoni f'każ ta' kriżi eċċezzjonali tas-suq fis-settur tal-frott u l-ħxejjex li tkun tirrikjedi d-definizzjoni ta' miżuri speċifiċi ta' emerġenza kif previst fl-Artikolu 191 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ir-Regolament dwar l-OKS Unika), fl-ispirtu tal-proposta tal-Kummissjoni li jkunu previsti mekkaniżmi biex jiġi evitat li jkun hemm kriżijiet futuri bl-involviment tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

3.4. **Dikjarazzjoni konġunta dwar il-finanzjament tal-proġett ITER**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li jiltaqgħu fi Trilogu bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2011 wara nofsinhar biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-ispiża addizzjonali tal-proġett ITER fl-2012-2013, biex jaslu għal ftehim qabel tmiem is-sena.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tiffaċilita l-ilħuq ta' ftehim dwar il-ħtiġijiet addizzjonali ta' finanzjament tal-proġett ITER, filwaqt li jitqiesu l-preokkupazzjonijiet taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja.

ANNESS II

**Emendar tal-kummenti baġitarji:**

**Proġett pilota Taqsima X (SEAE)**

**Test ivvutat, bil-bidliet proposti b'tipa korsiva qawwija**

Proġett pilota — Istitut Ewropew għall-Paċi

***Abbażi tal-Kunċett 2009 dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet ta' Medjazzjoni u Djalogu tal-UE,*** l-għan tal-proġett pilota huwa li ***janalizza u jeżamina għażliet, u kostijiet u benefiċċji relatati, biex jiġu ssodisfati b'mod effiċjenti l-ħtiġijiet tal-UE fil-medjazzjoni favur il-paċi.***

***Abbażi ta' sforzi preċedenti u li qed isiru bħalissa dwar l-EIP, filwaqt li jitqiesu l-istudji eżistenti, fosthom dawk mill-Parlament Ewropew, kif ukoll pjanijiet kummerċjali eżistenti żviluppati għal dan il-għan, din l-analiżi tal-benefiċċji mqabbla mal-kostijiet tqis kwistjonijiet bħall-istrutturi istituzzjonali possibbli, inklużi l-istrutturi tal-kostijiet, is-sistemi ta' ġestjoni u r-rekwiżiti ta' finanzjament.***

***Il-proġett pilota*** għandu b'mod partikolari jesplora l-possibilitajiet li jiġi ottimizzat il-potenzjal ta', u jiġu żgurati sinerġiji ma', il-kapaċitajiet eżistenti fis-SEAE, ***istituzzjonijiet oħra tal-UE,*** l-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji ta' Sigurtà***, il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża, l-Istati Membri u l-entitajiet nazzjonali tagħhom involuti fil-medjazzjoni favur il-paċi, kif ukoll partijiet interessati oħra.***

L-objettivi tal-EIP għandhom ikunu bbażati fuq il-valuri u l-objettivi fundamentali tal-UE kif definiti fit-Trattati.

Bla ħsara għar-riżultati tal-***proġett pilota***, il-kompiti tal-EIP jistgħu jinkludu l-konsulenza, ir-riċerka, it-taħriġ, medjazzjoni u diplomazija informali bl-iskop li jipprevjenu kunflitti u s-soluzzjoni paċifika tal-kunflitti; tagħlimiet misluta u l-aħjar prassi mill-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' missjonijiet rilevanti tal-UE, komunikazzjoni mal-komunità usa' akkademika, ta' riċerka u ***tal-NGOs*** u l-promozzjoni pubblika tal-interessi f'dawn l-oqsma. ***Il-proġett pilota*** għandu jiffoka b'mod partikolari fuq kif Istitut indipendenti possibbli jista' kemm itejjeb il-kapaċitajiet tas-SEAE u tal-UE usa' f'dawn l-oqsma ***kif ukoll jottimizza r-riżorsi eżistenti*** f'koordinazzjoni mal-Istituzzjonijiet rilevanti tal-UE.

**Azzjoni Preparatorja Taqsima III (Il-Kummissjoni)**

Ġurnaliżmu transkonfinali (Linja baġitarja 16 02 06)

Qed jiżdied paragrafu fl-aħħar tal-kummenti, kif ġej:

Din l-azzjoni preparatorja għal għotjiet Ewropej għar-riċerka għall-ġurnalisti għandha l-iskop li tiffaċilita u tiżviluppa riċerka ġurnalistika transkonfinali serja fil-livell tal-Unjoni. Se jiġu organizzati sejħiet għal offerti bl-iskop li jintgħażlu proġetti investigattivi komuni li jinvolvu ġurnalisti minn minimu ta' żewġ Stati Membri, b'dimensjoni transkonfinali jew Ewropea li tirriżulta minn perspettiva nazzjonali, reġjonali jew lokali. Ir-riżultati tal-investigazzjoni ġurnalistika magħżula se jkunu ppubblikati, tal-anqas, f'kull wieħed mill-Istati Membri involuti.

***Għal dan il-għan, se jiġi stabbilit studju ta' fattibilità sabiex jinstabu metodi ġodda biex jitnieda dan il-proġett. L-istudju għandu jħares lejn metodi li bihom ġurnaliżmu kritiku u indipendenti jista' jiġi ffinanzjat mill-UE, waqt li tkun żgurata l-indipendenza tal-informazzjoni.***

## Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2011: Riżorsi proprji, Politika Marittima Integrata, il-Greċja, l-FSE, il-Palestina

P7_TA(2011)0522

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2011 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima III – Il-Kummissjoni (17631/2011 – C7-0440/2011 – 2011/2267(BUD))**

(2013/C 165 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, kif adottat b'mod definittiv fil-15 ta' Diċembru 2010 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2011 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, ippreżentat mill-Kummissjoni fit-18 ta' Ottubru 2011 (COM(2011)0674),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2011, stabbilit mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2011 (17631/2011 – C7-0440/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0407/2011),

A. billi l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2011 għall-baġit ġenerali 2011 ikopri, fost affarijiet oħra, it-tisħiħ tal-approprjazzjonijiet għall-impenji fl-intestaturi 1 u 4 għal ammont rispettiv ta' EUR 3,25 miljun u EUR 113,4 miljun, żieda fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet biex tkopri l-bżonnijiet fl-intestatura 1 għal ammont ta' EUR 550,3 miljun, u aġġornament tal-previżjonijiet tad-dħul;

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 68, 15.3.2011.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.